m'humiex ħaġ'oħra ħlief il-ġabra tal-għarbi klassiku: *bi ajji xajin, fi ajji xajin, għala ajji xajin, ajju xajin huwa.*

Minnflok il-konġunzjoni *an* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *illi, li, biex,* u l-Għarab ta' Tripli, *elli, lî, bâx* (8):

*Għarbi klassiku:* Ummi qâlat lî an aftaħa l-bâba bi l-miftâħi.

*Malti:* Ommi qatli biex niftaħ il-bieb bil-muftieħ.

Minnflok il-partiċella *in* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *jekk:*

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| in taftaħ jadħul | jekk tiftaħ jidħol |
| in tarbaħ tafraħ | jekk tirbaħ tifraħ |
| in tagħġal tandam | jekk tgħaġġel tindem |

Minnflok il-partiċella *la* tal-għarbi klassiku, aħna l-Maltin ingħidu *kieku:*

*Għarbi klassiku:* law raqada lastarâħa
*Malti:* li raqad kieku strieħ

Aħna l-Maltin, xi drabi, żewġ kelmiet niġbruhom f'waħda:

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| aj wallâhi | îva (îwa) |
| kullu xajin | kollox |
| ajju xajin jakûnu lana? | xi jkollna? |
| min an jakûna laka | milli jkollok |

Aħna l-Maltin bħala partiċella ta' *l'imperativo di proibizione* għandna *lâ* bħal fil-għarbi klassiku; iżda wara l-verb inżidu *x:*

| *Għarbi klassiku* | *Malti* |
|---|---|
| lâ tażni | lâ tiżnix |
| lâ taqtul | lâ toqtolx |
| lâ tasriq | lâ tisraqx |

Aħna l-Maltin, xi daqqiet, wara nom fil-plural inqiegħdu verb fis-singular femminil, xorta waħda bħal fil-għarbi klassiku:

*Għarbi klassiku:* al-kilâbu nabaħat
*Malti:* il-klieb nebħet.

Jidhirli jien li b'dawn l-erba' kelmiet urejt illi l-morfoloġija tal-malti taqbel mal-morfoloġija tad-djaletti għarbin; għalhekk għedt illi l-malti għandu x'jaqsam mal-għarbi mitkellem, u mhux

(8) Dott. Eugenio Griffini, *L' Arabo Parlato della Libia*, p. 47.



mal-għarbi klassiku. Fuq l-istorja ta' Malta ma tkellimt xejn; għaliex ma kienx jaħtieġ. Fuq vokabularju anqas ma tkellimt.

Il-vokabularju għandu x'jaqsam mal-kultura, mar-Reliġjon, u mal-mentalità tal-poplu, mal-qagħda ġeografika tal-pajjiż u ma' bosta ħwejjeġ oħra.

Il-kelmiet: *Spalla, pulmun, koxxa, milsa, kustilja, stonku,* juruna kemm ma jistâx ikun li torbot fuq il-vokabularju biex tara mnejn hu ġej il-lsien. Li kieku qabel ma tħallattna mat-Taljani aħna l-Maltin ma kellniex *spalla* u *koxxa* kont ngħid, saħħa...Fuq razza anqas ma tkellimt, għaliex bejn razza u lsien hemm differenza kbira.

Il-biċċa l-kbira tal-Maltin li kitbu fuq in-nisel tal-malti, min faħħru kemm felaħ, u min maqdru kemm ried; jiena la faħħartu u anqas maqdartu, iżda tkellimt skond kif titlob ix-xjienza tal-glottoloġija.

Nati tmiem b'dan l-aħħar xebh:

*Għarbi klassiku:* Wa hum ja'kulûna 'akħadha jasûgħu kħubżan wa bâraka wa kasara wa 'agħtâhum wa qâla kħudû hadhâ huwa ġasadî.

*Malti:* Huma u jieklu ħa Gesù il-hobż u bierek u kiser u tâhom u qâl: Ħudu: hedân huwa ġismi.

**Ġanni Vella**

## FRÂK

(biex ma jintilefx)

LILL-GĦONNELLA

Għata u ġieh tan-nisa tagħna,
Nisel l-eqdem żmenijiet,
Ibqa' dejjem, dejjem magħna,
Ġewwa r-rħula, ġol-ibliet:

Għaliex sbejħa s-satra tiegħek,
Jekk ma' wiċċ ta' xebba ddur;
Ħajr u ħlewwa jimxu miegħek,
Xierqa dejjem tmur fejn tmur.

**Dun Karm**